Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Frar 2021**
**(OR. en)**

**6151/21**

**EF 58**
**ECOFIN 136**
**DELACT 32**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 11 ta' Frar 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2021) 772 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 11.2.2021 li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1222/2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti u għad-definizzjoni ta' subkategoriji ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2021) 772 final.

---

Mehmuż: C(2021) 772 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.2.2021
C(2021) 772 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 11.2.2021**

**li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1222/2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti u għad-definizzjoni ta' subkategoriji ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ("ir-Regolament") jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta, wara s-sottomissjoni tal-abbozz ta' standards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (European Banking Authority, EBA), u skont l-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE, atti delegati li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' Istituzzjonijiet Globali Sistemikament Importanti (G-SIIs).

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi l-ABE, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-abbozzi tal-istandards jekk tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista' wkoll tapprova l-abbozzi tal-istandards parzjalment biss, jew b'emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jeżiġu dan, filwaqt li titqies il-proċedura speċifika stipulata f'dawn l-Artikoli.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-ABE wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-istandards tekniċi abbozzati ppreżentati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 131(18) tad-Direttiva 2013/36/UE. Fil-5 ta' Marzu 2020 ġie ppubblikat dokument ta' diskussjoni fis-sit web tal-EBA, u l-konsultazzjoni ngħalqet fil-5 ta' Awwissu 2020. Barra minn hekk, l-ABE stiednet lill-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati tal-ABE stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex jipprovdi pariri dwarhom. Flimkien mal-istandards tekniċi abbozzati, l-EBA ppreżentat spjegazzjoni dwar kif tqies l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet fl-iżvilupp tal-istandards tekniċi abbozzati finali li ġew ippreżentati lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-abbozz tal-istandards tekniċi, u f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-ABE ppreżentat il-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha, inkluża l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji tagħha relatati mal-abbozz tal-istandards tekniċi ppreżentati lill-Kummissjoni. Din l-analiżi hija disponibbli fuq https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/own-funds/global-systemically-important-institutions-g-sii-.

## 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-istandards tekniċi regolatorji emendatorji jemendaw ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1222/2014 li jispeċifika l-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SIIs). Il-metodoloġija stabbilita f'dak ir-Regolament biex jiġu identifikati l-istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SIIs) issegwi mill-qrib l-approċċ tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (Basel Committee on Banking Supervision, BCBS) għall-identifikazzjoni ta' banek globali sistemikament importanti (G-SIBs, fit-terminoloġija tal-BCBS). Il-lista ta' G-SIBs tal-UE identifikati mill-BCBS u l-G-SIIs identifikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri sal-lum kienu identiċi.

Il-qafas għall-identifikazzjoni tal-G-SIIs jinkludi għall-ewwel darba metodoloġija addizzjonali tal-UE biex ir-rati ta' riżerva għall-G-SII jiġu allokati għall-G-SIIs identifikati. L-awtoritajiet rilevanti li jixtiequ jagħmlu użu minn din il-metodoloġija addizzjonali tal-UE għandhom jipprovdu evidenza ċara u osservabbli tad-deċiżjonijiet proposti skont il-prinċipju ta' ġudizzju superviżorju tajjeb. Sabiex tkun disponibbli *data* osservabbli f'istituzzjonijiet kbar ħafna fl-UE li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-eżerċizzju, l-EBA tinkludi fl-

istandards tekniċi tagħha dwar ir-rapportar superviżorju r-rekwiżit li tingħabar *data* frekwenti u armonizzata insostenn tal-metodoloġija addizzjonali tal-UE. L-eżerċizzju annwali tal-G-SII jibda mill-aħħar ta' April bi skadenza għall-istituzzjonijiet biex jiżvelaw indikaturi ta' importanza sistemika sa Novembru meta l-awtoritajiet rilevanti għandhom jinnotifikaw il-G-SIIs identifikati u r-rati ta' riżerva korrispondenti għall-G-SII.

Għal raġunijiet prattiċi, biex l-aġġornament u l-eżerċizzji li għaddejjin ikunu aktar faċli, il-mudell sħiħ tad-*data* bl-ispeċifikazzjoni dettaljata tal-valuri tal-indikaturi issa se jiġi inkorporat biss fil-Linji Gwida tal-EBA li għandhom jiġu aġġornati kull sena.

Sabiex jissaħħu l-prattiki superviżorji nazzjonali fir-rigward ta' tali speċifikazzjonijiet ta' punti tad-*data*, l-EBA qed toħroġ Linji Gwida kull sena indirizzati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Tali Linja Gwida mhux se jkollhom l-effett li jemendaw/jaġġornaw id-dritt vinkolanti tal-UE u lanqas li jipperikolaw il-metodoloġija għall-identifikazzjoni tal-G-SIIs li hija inkorporata b'mod solidu fir-Regolament emendat, peress li dawn l-aġġornamenti huma limitati għad-dettalji tekniċi fil-kompetenza tal-Istati Membri.

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 11.2.2021**

**li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1222/2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti u għad-definizzjoni ta' subkategoriji ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 131(18) tagħha,

Billi:

(1) F'Lulju 2018 il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) ippubblika metodoloġija riveduta għall-valutazzjoni ta' bank globali sistemikament importanti. Din il-metodoloġija riveduta introduċiet indikatur ġdid biex ikejjel l-importanza sistemika, f'relazzjoni mal-volum ta' negozjar u li huwa inkluż fil-kategorija li tkejjel is-sostitwibbiltà tas-servizzi jew tal-infrastruttura finanzjarja pprovduta minn grupp bankarju. Madankollu, l-introduzzjoni ta' dan l-indikatur ġdid ma għandha l-ebda effett fuq il-piż ta' din il-kategorija, għax il-piż relattiv assenjat lill-indikatur il-ġdid tal-volum ta' negozjar huwa kkumpensat bi tnaqqis, minn 6,67 % għal 3,33 %, fil-piż relattiv tat-tranżazzjonijiet sottoskritti fl-indikatur tas-swieq tad-dejn u tal-ekwità. Il-kategorija li tkejjel is-sostitwibbiltà tas-servizzi jew tal-infrastruttura finanzjarja pprovduta minn grupp bankarju b'hekk iżżomm il-piż relattiv tagħha ta' 20 % fil-punteġġ globali għal kull entità. Il-metodoloġija riveduta inkludiet ukoll attivitajiet tal-assigurazzjoni fl-approċċ tal-kejl ibbażat fuq l-indikaturi użat għall-valutazzjoni tal-importanza sistemika tal-gruppi bankarji. Dawn il-bidliet fil-metodoloġija għall-valutazzjoni ta' banek globali sistemikament importanti jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1222/2014[1].

(2) Jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jikkalkulaw il-punteġġi tal-entitajiet rilevanti li jiġu inklużi fil-kampjun innotifikat mill-EBA mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena biex jippermettu ftehim fil-livell tal-Unjoni.

---

[1] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1222/2014 tat-8 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti u għad-definizzjoni ta' subkategoriji ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 27).

(3) Il-ġbir ta' *data* stabbilit f'konformità mal-metodoloġija riveduta, li tinkludi l-indikatur tal-volum tan-negozjar, jibda fl-ewwel kwart tal-2022. Għalhekk, il-G-SIIs jiġu identifikati fuq il-bażi tal-qafas rivedut għall-ewwel darba fl-aħħar kwart tal-2022. Sabiex l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-metodoloġija riveduta tiġi allinjata mad-dati ta' applikazzjoni tal-metodoloġija riveduta, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jirriflettu l-bidliet fil-metodoloġija riveduta jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2021.

(4) L-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE kien emendat bid-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] biex fid-Direttiva 2013/36/UE jiġi introdott punteġġ globali addizzjonali għall-G-SIIs bl-indikatur tal-attivitajiet transfruntieri li jeskludi l-attivitajiet transfruntieri fost l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (Single Resolution Mechanism, SRM). Dan il-punteġġ globali addizzjonali ġie introdott biex jirrifletti l-abbiltà li jiġu riżolti gruppi transfruntieri fi ħdan l-unjoni bankarja Ewropea b'mod ordnat. Għaldaqstant huwa xieraq li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tal-indikatur tal-attività transfruntiera biex tkun riflessa din il-bidla.

(5) Minbarra dan, bis-saħħa tad-Direttiva (UE) 2019/878, l-awtoritajiet kompetenti u deżinjati setgħu jużaw ġudizzju superviżorju tajjeb biex jallokaw mill-ġdid istituzzjoni globali sistemikament importanti (G-SII) minn subkategorija ogħla għal subkategorija aktar baxxa abbażi tal-punteġġ globali addizzjonali li jqis l-ispeċifiċitajiet tal-unjoni bankarja Ewropea u tal-SRM fl-indikaturi tal-attività transfruntiera. Għall-mitigazzjoni ta' effetti potenzjalment negattivi ta' tnaqqis drastiku fl-importanza sistemika allokata lil G-SII, madankollu, u b'mod konformi mal-metodoloġija riveduta, jenħtieġ li l-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti u deżinjati rilevanti jallokaw mill-ġdid G-SII minn subkategorija ogħla għal waħda aktar baxxa tkun limitata għal tnaqqis massimu ta' subkategorija waħda mill-allokazzjoni tas-subkategorija oriġinali b'riżultat tal-punteġġ globali inizjali tal-G-SII. Barra minn hekk, biex tkun żgurata l-konsistenza mal-fehmiet tal-BCBS, jenħtieġ li kwalunkwe ġudizzju superviżorju li jwassal għal riallokazzjoni ta' G-SII għal subkategorija aktar baxxa jqis b'mod adegwat il-fehmiet tiegħu.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1222/2014 jiġi emendat skont dan.

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA).

(8) L-ABE wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].

---

2 Id-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpaniji azzjonarji finanzjarji, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, remunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni ta' kapital (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 253).

3 Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1222/2014**

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1222/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (1) tal-Artikolu 2 huwa sostitwit minn dan li ġej:

"(1) 'Entità rilevanti' tfisser grupp immexxi minn istituzzjoni prinċipali tal-UE, kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE jew istituzzjoni li mhijiex sussidjarja ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE, ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE;";

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju ta' kull sena l-awtorità rilevanti għandha tirrapporta lill-ABE l-valuri tal-indikaturi ta' kull entità rilevanti awtorizzata fil-ġurisdizzjoni tagħha b'kejl tal-iskopertura totali, ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 429(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, ta' aktar minn EUR 200 biljun. Il-valuri tal-indikatur għandhom jinġabru mill-awtorità rilevanti b'kont meħud tal-ispeċifikazzjonijiet ulterjuri tad-*data* sottostanti kif stabbiliti fi kwalunkwe linja gwida żviluppata mill-ABE skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**. L-awtorità rilevanti għandha tiżgura li l-valuri tal-indikatur ikunu identiċi għal dawk ippreżentati lill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja.

---

* Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

** Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).";

(3) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

**Il-proċedura tal-identifikazzjoni**

1. L-awtorità rilevanti għandha tikkalkula l-punteġġi tal-entitajiet rilevanti li huma inklużi fil-kampjun notifikat mill-ABE u li huma awtorizzati fil-ġurisdizzjoni tagħha, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena.

2. Jekk l-awtorità rilevanti, fl-eżerċizzju ta' ġudizzju superviżorju tajjeb, talloka G-SII mill-ġdid minn subkategorija aktar baxxa għal subkategorija ogħla jew tinnomina entità rilevanti bħala G-SII skont l-Artikolu 131(10)(a) jew (b) tad-Direttiva 2013/36/UE, rispettivament, l-awtorità rilevanti għandha tipprovdi dikjarazzjoni dettaljata bil-miktub lill-ABE dwar ir-raġunijiet tal-valutazzjoni tagħha sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru ta' kull sena.

3. Jekk l-awtorità rilevanti, fl-eżerċizzju ta' ġudizzju superviżorju tajjeb, talloka G-SII mill-ġdid minn subkategorija ogħla għal subkategorija aktar baxxa

f'konformità mal-Artikolu 131(10)(c) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtorità rilevanti għandha tipprovdi dikjarazzjoni dettaljata bil-miktub lill-ABE dwar ir-raġunijiet tal-valutazzjoni tagħha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru ta' kull sena.

4. Ir-riallokazzjoni jew id-deżinjazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara s-sena kalendarja li fiha d-denominaturi jkunu ġew notifikati lill-awtoritajiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 3(3). Jekk G-SII tiġi allokata għal subkategorija aktar baxxa milli fil-proċess ta' identifikazzjoni tas-sena preċedenti, ir-rekwiżit ta' riżerva għall-G-SII aktar baxxa għandu jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena li ssegwi r-riallokazzjoni, sakemm l-awtorità rilevanti ma teżerċitax il-ġudizzju superviżorju tajjeb tagħha biex tittardja l-applikazzjoni ta' dak ir-rekwiżit sad-data msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu.

5. L-identifikazzjoni ta' entità rilevanti bħala G-SII mill-awtorità rilevanti għandha tinkludi l-Identifikaturi ta' Entità Ġuridika (Legal Entity Identifiers, LEIs) tal-entitajiet ġuridiċi kollha inklużi fl-ambitu prudenzjali tal-konsolidazzjoni tal-G-SII. Sa l-1 ta' Marzu tas-sena li ssegwi s-sena tal-eżerċizzju ta' identifikazzjoni, l-entità rilevanti identifikata mill-awtorità rilevanti għandha tiżvela l-istruttura tal-grupp tagħha billi tipprovdi, fejn disponibbli, l-LEIs tal-entitajiet konsolidati kollha fil-grupp. L-entità rilevanti għandha tiżgura li l-istruttura tal-grupp tagħha żvelata permezz tal-bażi tad-*data* globali tal-LEI tiġi aġġornata b'mod permanenti.";

(4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. B'deroga mill-paragrafu 1, il-valuri tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 6(1), fl-Artikolu 6(2), punti (a), (b) u (c), u fl-Artikolu 6(4), punti (a) u (b), għandhom jinkludu wkoll sussidjarji tal-assigurazzjoni.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-awtorità rilevanti għandha tiddetermina l-punteġġ ta' kull entità rilevanti tal-kampjun bħala l-medja sempliċi tal-punteġġi tal-kategorija soġġett għal punteġġ massimu tal-kategorija ta' 500 punt bażi għall-kategorija li tkejjel is-sostitwibbiltà.

Il-punteġġ ta' kull kategorija, ħlief il-kategorija li tkejjel is-sostitwibbiltà tas-servizzi u tal-infrastruttura finanzjarja pprovduta mill-grupp, għandu jiġi kkalkulat bħala l-medja sempliċi tal-valuri li jirriżultaw mid-diviżjoni ta' kull valur tal-indikatur ta' dik il-kategorija bid-denominatur tal-indikatur notifikat mill-ABE.

Il-punteġġ għall-kategorija li tkejjel is-sostitwibbiltà tas-servizzi u tal-infrastruttura finanzjarja pprovduta mill-grupp għandu jiġi kkalkolat bħala l-medja ponderata tal-valuri tal-indikaturi ta' dik il-kategorija. Għal dak il-għan, l-indikaturi għal assijiet f'kustodja skont l-Artikolu 6(3)(a), u għall-attività tal-pagamenti skont l-Artikolu 6(3)(b), għandhom jiġu ppeżati b'mod sħiħ, u l-indikaturi għat-tranżazzjonijiet sottoskritti fis-swieq tad-dejn u tal-ekwità skont l-Artikolu 6(3)(c), u għall-volum ta' negozjar skont l-Artikolu 6(3)(d), għandhom jiġu ppeżati b'50 %.

Il-punteġġi għandhom jiġu espressi f'punti bażi u jiġu mqarrba lejn l-eqreb punt bażi sħiħ.";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi 5a u 5b li ġejjin:

"5a. L-awtorità rilevanti għandha tiddetermina punteġġ globali addizzjonali għal kull entità rilevanti b'attivitajiet transfruntieri fl-Istati Membri parteċipanti skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* billi ssegwi l-proċess stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, imma għandha tissostitwixxi l-valuri tal-indikaturi tal-entità rilevanti skont l-Artikolu 6(5)(a) u (b) b'dawk ikkalkolati f'konformità mat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, u għandha tissostitwixxi d-denominaturi korrispondenti bid-denominaturi riveduti pprovduti mill-ABE.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità rilevanti għandha tqis nazzjonali l-pretensjonijiet u l-passivi kollha fil-konfront tal-kontropartijiet stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014. Għall-kategoriji msemmija fl-Artikolu 131(2), il-punti (a) sa (d), tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtorità rilevanti għandha tqis l-istess valuri tal-indikaturi mhux mibdula rrapportati mill-entità rilevanti u d-denominaturi notifikati mill-EBA.;

5b. Fuq il-bażi tal-punteġġ globali addizzjonali msemmi fil-paragrafu 5a, deċiżjoni ta' riallokazzjoni ta' G-SII minn subkategorija ogħla għal subkategorija aktar baxxa, fl-eżerċizzju ta' ġudizzju superviżorju tajjeb f'konformità mal-Artikolu 131(10)(c) tad-Direttiva 2013/36/UE, għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni ta' jekk il-falliment tal-G-SII jkollux impatt negattiv aktar baxx fuq is-suq finanzjarju globali u l-ekonomija globali. Fejn xieraq, din il-valutazzjoni għandha tqis kwalunkwe fehma jew riżerva adottata mill-BCBS f'konformità mal-metodoloġija tagħha disponibbli pubblikament għall-valutazzjoni tal-importanza sistemika ta' banek globali sistemikament importanti.

Il-punteġġ globali addizzjonali msemmi fil-paragrafu 5a jista' jiddetermina r-riallokazzjoni tal-G-SII mill-awtorità rilevanti għas-subkategorija iktar baxxa li jmiss skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Ir-riallokazzjoni tal-G-SII għal subkategorija aktar baxxa għandha tkun limitata għal massimu ta' livell wieħed ta' subkategorija."

---

* Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafi 4, 5 u 5b għandhom jiġu appoġġati minn indikaturi anċillari, li ma jkunux indikaturi tal-probabbiltà li l-entità rilevanti tfalli. Tali deċiżjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dokumentata sew u verifikabbli."

(5) fl-Artikolu 6(3), jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) volum ta' negozjar.";

(6) L-Artikolu 7 jitħassar.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Il-punti 4(a), 4(b) u 5 għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11.2.2021

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
*Ursula VON DER LEYEN*